**3 ta' Frar, 1958**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro GGauci,, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Edward V. Spiteri

*versus*

Francis A. Falzon

**Ripetizzjoni ta' Indebitu — "Condictio Indebiti" — Preskrizzjoni — Art. 1070 tal-Kodiċi Ċivili.**

*It-terminu ta' sentenza stabbilit mill-liġi għall-preskrizzjoni tal-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu jibda jgħaddi minn dak inhar illi dak li tmissu l-azzjoni jikxef l-iżball.*

*Il-kliem ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi ma jħallix ebda dubju ta' interpretazzjoni; u kwindi mhix sostenibbli l-pretensjoni li għandha tkun interpretata fis-sens illi dak it-terminu jibda jgħaddi mill-jum li fih l-attur seta' jinduna u jsib l-iżball, indipendentement mill-fatt u l-kwistjoni jekk ma ndunax. L-interpretazzjoni korretta hi dik illi t-terminu*

*jibda jiddekorri minn meta l-attur induna u sab l-iżball fil-ħlas li kien għamel.*

Il-Qorti;— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur, wara li ppremetta illi dan l-aħħar hu nduna, għaliex attiratlu l-attenzjoni tiegħu persuna teknika, li l-konvenut, fil-kostruzzjoni tad-dar f'Monsignor Depiro Street, Hamrun, żammlu iżjed milli jqum ix-xogħol u minn li hu kellu jħallsu skond il-ftehim, ċjoè bil-prezzijiet tal-Gvern, jew dawk korrenti fejn dawk tal-Gvern ma japplikawx; u li l-konvenut, imsejjaħ biex il-kontijiet jiġu riveduti, u biex eventwalment jirrifondi dik il-parti mit-total ta' £3315 li rċieva għax-xogħol li tirriżulta li hu bi żball ħallsu żejjed għax-xogħol, irrifjuta li jagħmel dan; talab illi l-istess konvenut jirrifondilu u jħallsu dik is-somma li tirriżulta mħallsa lilu minnu bi żball iżjed minn li jmissha, skond il-ftehim, għar-rikostruzzjoni tal-fond fuq imsemmi, billi għal dan l-oġġett issir il-likwidazzjoni opportuna, jekk hemm bżonn per mezz ta' periti. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-21 ta' Ġunju 1957, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; billi l-Qorti kkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi, indipendentement mill-kwistjoni jekk l-attur għandux jew le d-dritt għal din l-azzjoni, hu fatt li hu ddiriġa kontra l-konvenut il-"condictio indebiti", l-azzjoni in ripetizzjoni, li taqa' bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentnejn minn dak inhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni — l-attur — jikxef l-iżball (art. 1070 Kodiċi Ċivili);

Illi mix-xhieda tal-attur jirriżulta illi dan kixef l-iżball anqas minn sentejn qabel ma esperixxa l-azzjoni (fol. 12 u fol. 48 tergo u 49); u dan jidher imwettaq bid-depożizzjoni tar-Reverendu Don Giuseppe Frendo (fol. 30), u ma nġiebet ebda prova soddisfaċenti kuntrarja, jiġifieri fis-sens li l-konvenut kixef l-iżball qabel;

Illi għalhekk l-azzjoni ma kienetx preskritta meta l-attur iddiriġa din il-kawża relattiva kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, li appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tal-21 ta' Ġunju 1957;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u l-laqgħa tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, billi tiddikjara perenta l-azzjoni eżerċitata mill-attur; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-appellat, li wieġeb li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma; u illi, fil-każ li din il-Qorti taċċetta t-teżi tal-appellant li t-terminu għandu jibda jgħaddi minn meta dak li jkun ħallas indebitament seta' jinduna bl-iżball, ikun hemm lok għall-produzzjoni tad-dokumenti msemmijin fil-verbal tat-28 ta' Frar 1957; u għalhekk, u għal kull fini ieħor, huwa jestendi l-appell interpost mill-appellant biex hu stess jappella mid-digriet tal-Qorti tal-Kummerċ tat-28 ta' Frar 1957, fejn dik il-Qorti ċaħdet il-produzzjoni ta' dawk id-dokumenti; u ddikjara li dak l-appell inċidentali kien qiegħed isir bħala suġġett għall-kondizzjoni li l-appell prinċipali jiġi milqugħ, u bla preġudizzju tal-eċċezzjoni tiegħu; u għalhekk talab li l-appell prinċipali jiġi miċħud, u, fil-każ li jiġi milqugħ, jiġi revokat id-digriet tal-Ewwel Qorti tat-28 ta' Frar 1957, u tiġi ordnata l-produzzjoni tad-dokumenti miċħuda; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-appell prinċipali;

Illi l-appellant isostni li t-terminu ta' sentejn stabbilit fl-art. 1070 tal-Kodiċi Ċivili għall-preskrizzjoni opposta minnu għandu jibda jingħadd mhux minn meta l-attur induna u sab l-iżball fil-ħlas li kien għamel, iżda mill-jum li fih seta' jinduna u jsib l-iżball, indipendentement mill-fatt u l-kwistjoni jekk ma ndunax;

Il-liġi f'dak l-artikolu tgħid li "l-azzjoni...... taqa' bil-

preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn minn dak inhar illi dak *li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball"*. *Dan ma jħalli* ebda dubju ta' interpretazzjoni; għax li kieku l-leġislatur ried ifisser dak li jippretendi l-appellant, kien jgħidu espressament, kif għamel fil-każ tal-preskrizzjoni tal-azzjoni redibitorja u tal-azzjoni estimatorja; fejn fl-art. 1481(2) tal-Kodiċi Ċivili ddispona illi, "jekk ma setgħax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidherx tal-ħaġa, iż-żminijiet...... tal-preskrizzjoni ma jibdewx jgħaddu ħlief minn dak inhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett". Il-lokuzzjoni differenti ta' dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-Kodiċi juru ċar li dawn ma jistgħux jittieħdu u jifthemu f'sens wieħed. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni li jrid isostni l-appellant mhix sostenibbli;

Ikkunsidrat;

Illi l-interpretazzjoni adottata minn dina l-Qorti hija wkoll konformi għal dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tal-ewwel ta' Lulju 1878 in re "Simon Rosa vs. Dr. Alessandro Chapelle" (VIII, p. 533). Barra minn dan, kif qalet dina l-Qorti fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Jannar 1921 in re "Giovanna Bugeja vs. Giuseppe Riccardo Bugeja" (XXIV-I-652), il-leġislatur ipparifika l-preskrizzjoni ta' sentenza tal-indebitu, stabbilita fl-art. 1070 tal-Kodiċi Ċivili, fuq imsemmija, mal-preskrizzjoni ta' sentejn tar-rexissjoni tal-kuntratti stabbilita fl-art. 1267(1) tal-istess Kodiċi, sew għal dak li hu terminu kemm għal dak li huma effetti. U għalhekk, tkompli tgħid dik is-sentenza, "rapportandosi la prescrizione contemplata nell'art. 733 di detta Ordinanza (il-lum art. 1070 tal-Kodiċi Ċivili) a quella stabilita nell'art. 930 (il-lum art. 1267 (1) *Kodiċi Ċivili*) della stessa legge, ne siegue che essa ne desume gli stessi caratteri e gli stessi estremi quali sono quelli della prescrizione estintiva......" Għaldaqstant, dak li jingħad għad-dekorriment tat-terminu tal-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 1267(1) fuq imsemmi jgħodd xorta waħda għad-dekorriment tat-terminu tal-preskrizzjoni stabbilita fl-art. 1070 fuq imsemmi; u peress li l-art. 1267(1) huwa bħal l-art. 1300 tal-Kodiċi Ċivili Taljan qadim, il-kommenti u l-interpretazzjoni ta' dan l-art. 1300 ta' dak il-Kodiċi Taljan jaqblu għall-art. 1267(1) tal-Kodiċi Tagħna. *U preċiżament*

dak l-artikolu fil-ġurisprudenza taljana ġie nterpretat fis-sens li t-terminu tal-preskrizzjoni "ma jiddekorrix mill-ġurnata meta kien hemm possibilità li tiskopri l-qerq", fil-każ tagħna tagħna l-iżball, iżda biss minn dak li fih ġie effettivament skopert (Fadda, Giurisprudenza sul Codice Civile art. 1300, no. 309). B'konferma ta' dan, jista' wkoll jingħad li mill-konsultazzjoni ta' bosta awturi fuq din il-materja ma jirriżultax li ebda wieħed isostni t-teżi tal-appellant;

Għaldaqstant, l-appell prinċipali tal-konvenut ma jistax jiġi milqugħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut appellant; u tikkonferma s-sentenza appellata; u in vista tal-premess tiddikjara li ma hemmx lok li tipprovdi fuq l-appell inċidentali u kondizzjonali tal-attur;

L-ispejjeż ibatihom il-konvenut appellant.